**KUNSILL LOKALI BORMLA** **IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI** **SEDUTA NRU. 05**

**IL-ĦAMIS 01 TA' OTTUBRU 2009**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis l-1 ta' Ottubru 2009 fis-6.45 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Sitt Kunsilliera)**

**Is-Sindku** Joseph Scerri, **il-Viċi Sindku** Alison Zerafa u **l-Kunsilliera** John Vella, Pablo Cachia Belli, Rodrick Mamo u Raymond Balzan.

Il-Kunsillier James Cauchi kien indispost.

**TALBA**

**Is-Sindku Joseph Scerri** qal it-talba.

**05/01 MINUTI TAS-SEDUTI NRU. 04**

**Is-Sindku Joseph Scerri** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 04, li nżammet nhar il-Ħamis 3 ta' Settembru 2009, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Pablo Cachia Belli** ssekonda.

**Ivvutaw Favur is-sitt (6) Kunsilliera preżenti,** Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni (0).

**Il-Kunsill unanimament ikkonferma l-Minuti tas-Seduta Nru. 04**.

**05/02 SKEDA TA' PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' DOK 'A1-2' SETTEMBRU 2009**

**Is-Segretarju** poġġa fuq il-Mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni flimkien mal-iskeda ta' Pagamenti magħmula għax-xahar ta' Settembru, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Is-Sindku Joseph Scerri** ressaq il-listi ta' pagamenti għall-kummenti tal-Kunsilliera u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**Il-Kunsillier Raymond Balzan** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur is-sitt (6) Kunsilliera preżenti.**
Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti għax-xahar ta' Settembru.

**05/03 MOZZJONI DWAR STOCK *WRITE OFF***

**Is-Sindku Joseph Scerri** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-parir ta' l-awditur sabiex il-Kunsill jagħmel *write off* ta' l-*istock* tad-dawl Milied li kien inxtara fis-sena 2000 u li llum m'għadux jiffunzjona.

**Il-Kunsillier John Vella** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur is-sitt (6) Kunsilliera preżenti.**

Il-Kunsill approva unanimament ir-*write-off* ta' dan l-*istock*.

**05/04 IL-KUNTRATT TAL-ĠBIR TA' L-ISKART DOK 'B'**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsilliera id-dokument *Specific Conditions of Contract and Specifications for the Collection of Mixed Household Waste*, kif finalment imressqa fl-email mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali tal-01/10/2009 wara numru ta' laqgħat ta' kjarifikazzjoni dwar it-tħaddim tat-tender. Ġie spjegat lill-Kunsilliera d-dettalji ta' dan id-dokument, fosthom ir-responsabbilitajiet tal-Kunsill kif ukoll tal-Kuntrattur *Waste Carrier* fil-ġbir ta' l-iskart imħallat.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' ukoll informazzjoni dwar punti tekniċi li sal-lum ma kenux iċċarati, fosthom dwar il-Performance Guarantee ta' 10% tal-Kuntratt, u min kien se jiġbor l-iskart separat ladarba jidħol fis-seħħ dan il-kuntratt ta' ġbir ta' skart imħallat.

Dan il-Kuntratt ġdid issa sejjer ikun għal erba' snin, u l-istima ta' dan il-kuntratt għandha tittieħed skont l-allokazzjoni mgħotija mill-Gvern Ċentrali għall-funzjonijiet tal-ġbir ta' l-iskart u *Bins on Wheels*, pro rata skont il-ġranet li sejjer jitħaddem dan is-servizz fil-lokalita'. Kull Kunsill qed ikun imħeġġeġ sabiex fil-lokalita' jsir aktar ġbir ta' skart separat, u f'dawk il-ġranet li jsir ġbir ta' skart separat ma jsirx ġbir ta' skart imħallat. Il-Kunsill kien ukoll infurmat li r-rata li ser titħallas għal kull tunnellata skart imħallat, bħala *disposal fee*, issa saret ta' €20. U għalhekk il-Kunsill irid jibda proċess ta' tagħlim u tifsir lir-residenti tal-lokalita' sabiex isir sforz akbar mir-residenti kollha fuq separazzjoni u għażla ta' skart. Huwa stmat li l-valur ta' dan il-kuntratt għal Bormla għal erba' snin se jkun ta' madwar €320,000. Dan l-ammont ma jinkludix id-*Disposal Fees* li l-Kunsill se jħallas ta' l-iskart. U minħabba li dan l-ammont jaqbeż l-ammont ta' €133,000, l-avviż tas-sejħa irid isir ukoll fil-*European Journal* minbarra fil-Gazzetta tal-Gvern.

Il-Kunsill kien infurmat ukoll li matul it-12-il xahar minn April 08 sa Marzu 09 fil-lokalita' ta' Bormla inġabru 3043 tunnellata skart imħallat. Dan l-ammont jaqbeż sew ir-rata ta' 0.78 kull persuna kulljum għal kull

resident mis-6500 resident f'Bormla

Il-Kunsill kien infurmat ukoll li sabiex tkun aġġudikata din l-offerta, l-Kunsill ser ikun qed jaddotta is-sistema ta' pakkett wieħed, biex id-dokumenti ta' l-0fferta jaslu għand il-Kunsill. Il-Bid Bond għalhekk tkun ta' €5,823.43, filwaqt li l-Performance Gurantee għandha tkun ta' 10% ta' l-offerta magħżula. Fl-aħħarnett il-prezz li il-Kunsill għandu jitlob meta kuntrattur jiġbor id-dokument dwar l-Offerti għandu jkun bejn €100 u €150.

Wara din l-ispjega, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għadda sabiex flimkien mal-Kunsilliera jimlew il-kwesjonarju mħejji sabiex il-Kunsill jieħu linja kif se jitħaddem dan il-Kuntratt.

1. Il-Kunsill unanimamnet qabel li jitkompla jitħaddem il-metodu preżenti ta' kif għandu jsir il-ġbir ta' skart imħallat, jiġifieri sew bis-sistema *Door to Door (Kerbside Collection)* kif ukoll bis-sistema ta' *Provision ta' Bins on Wheels*, fejn il-Kunsill fil-lokalita' għandu madwar għaxar *Bins on Wheels*. Il-Kunsill qabel ukoll li dawn il-*Bins on Wheels* għandhom jitħaddmu biss fil-qalba ta' *residential areas*, u mhux fit-trufijiet tal-lokalita', fejn jistgħu jservu l-aktar sabiex barranin jagħmlu użu bla rażan minnhom għal-ġbir ta' skart imħallat.

2. Dwar il-Lista ta' Stabbilimenti li għandhom ikunu esklużi minn dan is-servizz, il-Kunsill unanimament qabel li m'għandux jinġabar skart imħallat minn bini industrijali, filwaqt li minn postijiet Kummerċjali u Uffiċini għandu jinġabar biss skart imħallat sa massimu ta' żewġ boroż normali, skont kif jiġġeneraw il-persuni li jaħdmu f'dawk l-istabbilimenti.

3. Il-Kunsill unanimament qabel li l-ġbir ta' l-iskart skont iż-żewġ metodi għanu jsir bejn is-7.30am u 11.30am, kif inhu fil-preżent.

4. Saret diskussjoni dwar il-ġranet li fih għandu jingħata dan is-servizz ta' ġbir ta' skart imħallat. Il-Kunsill unanimament iddeċieda li dan is-servizz għandu jibda jingħata kull nhar ta' TNEJN, L-ERBGĦA, L-ĦAMIS U S-SIBT. Fil-ġranet tat-Tlieta u tal-Ġimgħa l-Kunsill iddeċieda li għandu jsir biss il-ġbir ta' l-iSkart Separat. Sar qbil ukoll li għal dan il-għan ir-residenti għandhom jkunu minn issa infurmati b'din is-sistema li sejra titħaddem, u s-sistema tibda titħaddem kull nhar ta' tlieta sakemm jidħol fis-seħħ il-kuntratt il-ġdid. Sar qbil ukoll li l-Kunsill iħejji laqgħat sew għar-residenti kif ukoll għas-sidien ta' stabbilimenti kummerċjali u ndustijali tal-lokalita'.

5. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill għandu jevalwa u jissuġġerixxi inċentivi għar-residenti dwar din is-sistema, eżempju permezz ta' għoti ta' boroz griżi lir-residenti sabiex b'hekk ir-residenti jagħmlu aktar separazzjoni ta' l-iskart.

6. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li kien sejjer jipprepara l-ħruġ tas-sejħa għal madwar nofs Ottubru 2009, fejn din is-sejħa tagħlaq wara ta' l-anqas 52 ġurnata, u l-Kuntratt il-ġdid għandu jidħol fis-seħħ mill-1 ta' Frar 2010, sabiex ma jkun hemm l-ebda problemi.

Il-Kunsill unanimament approva dawn il-punti li għandhom jiffurmaw ir-rekwiżiti tat-tender ta-ġbir ta' l-iskart separat.

**05/05 FONDI SPEĊJALI DOK 'C'**

Is-Sindku Joseph Scerri ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill l-korrispondenza dwar l-iSkema – Fond Speċjali għal-Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali fejn il-Kunsill Bormla se jibbenefika mill-fondi bis-somma ta' 20,000 euro bħala għajnuna finazjarja għall-appliakazzjoni "Tindif fil-Loaklita" li ressaq il-Kunsill, liema ammont iridu jintefqu sal-aħħar t' Diċembru, skont il-ftehim ta' aċċettazzjoni għal din l-iskema.

Saret diskussjoni dwar dan it-tindif li għandu jinkludi Tindif fuq Sur San Pawl, Tindif fuq Sur San Nikola u Kampanja Edukattiva dwar l-Indafa fil-Lokalita'. Kien ukoll maqbul li l-Kunsill jagħti ukoll attenzjoni xierqa għat-tindif tat-turġien u l-isqaqien fil-lokalita' u fejn jinħass il-bżonn isir ukoll ħasil kif maqbul fis-seduta preċedenti.

Ix-xogħol għandu jsir skont programm ta' xogħol li se jinħadem f'dawn il-ġranet sabiex jitwettaq immedjatament fil-postijiet imsemmija. Fejn meħtieġ għandha ssir sejħa għax-xogħol rikjest, u l-Kuntrattur għandu wkoll ikun sprunat sabiex jagħti attenzjoni akbar għat-tindif li jsir ta' kuljum.

**05/06 KORRISPONDENZA DOK 'D1-15'**

**Is-Sindku** ressaq din il-korrispondenza għall-attenzjoni tal-Kunsill:

05/06/01 **Manutenzjoni fuq parti mis-Sur Santa Liena.** Korrispondenza mad-Direttur Ġenerali Taqsima tax-Xogħlijiet il-Perit Raymond Farrugia dwar manutenzjoni ta' parti mis-sur Santa Liena li minnu qed jaqgħu partijiet imdaqqsa u jeħtieġu manutenzjoni mmedjata.

05/06/02 **ETC – Applikazzjonijiet għal Segretarju Eżekuttiv.** Wara li l-ETC bagħtet lista ta' żewġ applikanti għall-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv, issa żiedet lista ta' tmien persuni oħra, li għandhom jibagħtu is-CV tagħhom sal-Ħadd 4 ta' Ottubru 2009. Il-Kunsill qabel li l-interviews tal-persuni li jissottomettu is-CV's isiru nhar l-Erbgħa 7 ta' Ottubru mill-5.30 ta' fil-għaxija.

05/06/03 **Ċirkulari OPM dwar inizjattivi ko-ordinati mad-Dipartiment**

05/06/04 **Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ 2009-2010.** Stedina mis-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport għat-twettiq ta' proġett fil-lokalita' li jagħti opportunita' liż-Żgħażagħ ta' bejn l-14 u s-17-il sena li jieħdu sehem fi djalogu strutturat li permezz tiegħu jiddiskuti temiet ta' importanza li għandhom x'jaqsmu mal-lokalita'. Il-Kunsill unanimament qabel li japplika għal dan il-proġett.

**05/06/05** **Bormla Day Centre –** Talba għajnuna fl-ispejjeż tat-trasport ta' l-Anzjani għas-sena 2009 ta' €466. Il-Kunsill unanimament approva dawn għoti ta' dawn l-ispejjeż.

**05/06/06** **Ittra mill-Kunsill dwar MEMO 48/2009 – Fondi Speċjali.** Il-Kunsill ressaq korrispondenza lid-Direttur tal-Gvern Lokali dwar l-allokazzjoni li l-Kunsill jirċievi ta' kull sena għall-ġbir ta' l-iskart goff fil-lokalita' li tlaħħaq Euro 3000, filwaqt li l-ispiża totali li l-Kunsill qed iħalles sabiex jagħti dan is-servizz tlaħħaq madwar 18,000 Euro. Il-kunsill qed iressaq talba sabiex din is-sitwazzjoni tkun regolarizzata u l-Kunsill jingħata l-għajnuna meħtieġa.

Is-Sindku ta' dettalji tal-laqgħa, li nżammet nhar il-Ħamis 29 ta' Settembru f'nofs in-nhar, mad-Direttur tal-Gvern Lokali s-sur Natalino Attard. Is-Sindku spjega li fil-laqgħa reġgħu tressqu l-argumenti tal-Kunsill li qed jirċievi allokazzjoni ferm anqas milli suppost, fejn qed jirriżulta li l-isqaqien kollha ta' Bormla kif ukoll it-turġien kollha fil-lokalita' mhumiex inklużi fil-kalkoli tat-toroq. B'hekk il-Kunsill Bormla qed ikun penalizzat sew fl-allokazzjoni tat-tindif tal-lokalita' kif ukoll f'dik tal-maintenance tal-lokalita'. Dan l-argument kien milqugħ mid-Direttur għaliex kien ikkonfermat li dawn it-toroq m'humiex inklużi fil-kalkoli. Id-Direttur wiegħed li sejjer jinvestiga dan kollu u b'riżultat jittieħdu passi fl-allokazzjoni tas-sena d-dieħla.

Barra minn dan kien ukoll diskuss il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar il-ġbir ta' skart goff fejn b'allokazzjoni ta' tliet elef euro il-Kunsill kien qed jagħti servizz fil-lokalita' bi spiża ta' tmintax-il elf euro.

Ma' dan kollu kien ukoll imfisser li l-Kunsill kien qed jissagrifika l-maintenance tal-lokalita' sabiex isir it-tindif u l-ġbir ta' l-iskart fil-lokalita', minħabb nuqqas ta' fondi.

**Is-Sindku** tenna li din il-laqgħa kienet ferm pożittiva fejn dawnil-punti mressqa se jkunu nvestigati mid-Dipartiment.

**05/06/07** **MEMO 51/2009 – Proċedura Elezzjonijiet Kumitat Eżekuttiv AKL.** Is-Sindku fakkar li dawn l-elezzjonijiet ser jinżammu nhar is-Sibt 10 ta' Ottubru, u l-votazzjoni għall-kunsilliera ser tkun fil-Kunsill Bormla stess.

**05/06/08** **MEMO 52/2009 – Skema dwar Inizjattivi Sportivi 2010.** Skema ġdida li l-Kunsill qabel li jipparteċipa fiha, sabiex jinkoraġixxu attivitasjiet sportivi fil-kommunitajiet kollha.

**05/06/09** **MEMO 53/2009 – Ftuħ tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsilli Lokali nhar ta' Sibt.** Min-nhar is-Sibt 17 ta' Ottubru l-Kunsill Lokali Bormla se jkun miftuħ għall-pubbliku mit-8.00 am sal-11.30am fejn wieħed jist jagħmel l-ilmenti jew it-talbiet, kif ukoll jagħmel ħlasijeit ta' kontravvenzjonijiet u ħlasijiet oħra.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li żewġ impjegati ser ikunu jalternaw kull nhar ta' sibt filwaqt li t-tielet impjegat jagħti s-servizz tiegħu skont il-bżonn. Dan ix-xogħol sejjer isir bħala xogħol bl-*overtime*.

**05/06/10** **MEMO 54/2009 – Attivitajiet mill-Kunsilli Lokali Programm fl-Education 22 u TVM.** Il-Kunsill qabel li jieħu shem f'dawn il-programmi permezz tas-Sindku u l-Viċi Sindku.

**05/06/11** **MEMO 56/2009 – Emendi għall-Att dwar Kunsilli Lokali** kif maqbula fis-seduta tal-Parlament tat-30 ta' Settembru 2009, fejn ġie approvat b'mod unanimu l-Abbozz Numru 27 li jemenda l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap 363).

**05/06/12** **Stallazzjoni ta' VPN Connectivity fil-bini tal-Librerija.** Il-Kunsill kien infurmat li fil-bini l-ġdid tal-librerija jeħtieġ tkun installata s-sistema ta' VPN Connectivity meħtieġa għat-tmexxija tal-Librerija. Din l-ispiża tlaħħaq 1,070 euro. Il-Kunsill approva unanimament din l-ispiża.

**05/06/13** **Laqgħa ma' l-Onor. Dr. Chris Said.** Is-Sindu fakkar lill-Kunsilliera li nhar it-Tlieta fis-2.00 ta' wara nofs in-nhar il-Kunsill kien mistieden jiltaqa' mas-segretarju Parlamentari l-Onor. Dr. Chris Said, f'Kastilja, fejn ser ikunu diskussi il-bżonnijiet tal-Kunsill.

**05/06/14** **Koperazzjoni ma' Kumpaniji għall-Ġbid ta' Films.**

**05/06/15** **Ittra dwar kumpens għal ħsata fil-vettura.** Dan l-inċident seħħ fi Triq it-8 ta' Diċembru meta kien qed isir xogħol ta' patching estensiv mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet għall-Kunsill, fejn minħabba l-maltemp infetħet ħofra fejn saret il-ħsara fil-vettura. Il-Kunsill qabel li dan kien każ ġenwin u unanimament qabel li l-ħsarat għandhom ikunu rifużi mill-Kunsill.

**05/07** Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera li nhar it-Tlieta fis-2.00 ser jiltaqgħu ma' Dr. Chris Said, filwaqt li nhar l-Erbgħa fil-5.30 ser jinżammu l-interviews tal-applikanti għall-post ta' Segretarju Eżekuttiv.

**05/08** **Is-Sindku Joseph Scerri** nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa mat-Tabib Cassar Delia u s-sur Louis Spiteri, President u Segretarju tal-Bansa San Ġorġ, fejn kien diskuss programm mużikali bħala attivita' mill-Banda għal-lokalita'. Is-Sindku fisser u ppropona li taħt il-Patroċinju tal-Kunsill il-Banda San Ġorġ tagħmel Programm Mużico Vocali Strumentali nhar is-7 ta' Diċembru, bi spiża ta' 1,165 euro. Il-Viċi Sindku Alison Zerafa ssekondat u l-Kunsill unanimament approva dan il-programm mużikali.

**05/09** **Il-Kunsillier Pablo Cachia Belli** ressaq kont għal-żewġ skips li inġabu fl-attivita' ta' l-Indafa li saret fil-weekend, minħabba li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet naqas li jwassal l-iskips kif mifthiem. Il-Kunsill qabel li jitħallsu dawn l-iskips, filwaqt li d-Dipartiment ikun mitlub jgħin fl-attivita' ta' ndafa li ser tkun organizzata f'Ottubru.

**05/10** **Il-Kunsillier Roderick Mamo** qajjem il-bżonn li jsir mill-ġdid l-iSpot Light fuq l-istatwa tal-Madonna. **Is-Sindku** nforma li kien infurmat min-Nexos li dak it-tip ta' *spot light* partikulari li kien hemm, mhux aktar fis-suq, u għalhekk kien maqbul li għandu jsir *spot light* normali minflok.

**05/11** **Il-Kunsillier John Vella** informa lill-Kunsill li għall-Kunċert li sejjer isir fit-12 ta' Ottubru mill-kor minn Londra, il-Kunsill għandu jħallas l-ispejjeż tat-trasport għal dan il-kor, għal madwar erba' u ħamsin ruh mill-hotel u lura. Il-Kunsill unanimament approva dan il-ħlas.

**Il-Kunsillier John Vella** nforma ukoll li dwar il-proposta tal-Kultura kien għad fadal waħda pendenti li għad triq tiġi assessjata, il-proposta tal-iSwar.

Saret diskussjoni dwar l-attivita' tal-Milied, fejn sar qbil li għandhom jinġabru kwotazzjonijiet għal din l-attivita' li nbdiet is-sena li għaddiet u li kienet suċċess. Sar qbil ukoll li din is-sena din l-attivita' ssir fuq jum wieħed bi programmi għall-Milied min-nies lokali fuq il-linji tas-sena l-oħra.

**05/12** **Il-Kunsillier Pablo Cachia Belli** nforma lill-Kunsill li fl-10 ta' Ottubru sejra tinżamm attivita' ta' tindif bl-involviment ta' l-għaqdiet kif ukoll ta' l-Anzjani.

**05/13** **Il-Kunsillier Raymond Balzan** reġa' qajjem il-problema tal-Bring-in Site ta' Triq il-Mitħna, minħabba li ħmieġ mhux jinġabar u għal darb'oħra rega' talab sabiex din il-Bring-In Site jew titressaq mill-post fejn tinsab illum jew jinstab post aħjar mill-post preżenti fejn jinstabu, għaliex ir-rimi madwar dan is-sit qed joħloq inkonvenjent kbir u l-post jeħtieġ li jiġi irrangat skont kif kien originali jiġifieri trunċiera nadifa. Il-proposti ta' post alternattiv imressqa mill-Kunsillier Raymond Balzan ma kenux prattikabbli u għalhekk il-Kunsill ma approvax dan is-suġġeriment. Iżda ser jittieħdu l-passi kollha sabiex il-Kuntrattur jagħmel tindif aktar ta' spiss f'din l-area li qed tkun il-mira ta' nies irresponsabbli li abbużivament qed iħammġu bla rażan. Il-Kunsill qabel li dan il-post għandu ukoll ikun sorveljat aktar mill-gwardjani sabiex jitrażżan dan l-abbuż.

Is-Seduta ntemmet fis-9.20 ta' fil-għaxija.

Is-Seduta li jmiss kienet iffissata għall-Ħamis, 5 ta' Novembru 2009 fis-6.30 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| **Joseph Scerri** | **John Farrugia** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |